**27 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Anthony Azzopardi *et*

*versus*

Calcedonio *sive* Donald Attard *et*

## Debituri - Solidarjetà - Integrità jew le tal-Ġudizzju

*L-artikolu 1096 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li meta hemm is-solidarjetà l-kreditur għandu dritt fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu li jipproċedi kontra wieħed biss mid-debituri* in solidum *u dak id-debitur m'għandux dritt iressaq l-eċċezzjoni tal-benefiċċju ta' l-eskussjoni.*

*Meta kreditur jagħżel li jipproċedi kontra wieħed biss mid-debituri solidalment obbligati fil-konfront tiegħu, b'eskluzjoni tad-debituri l-oħrajn, il-ġudizzju hekk promoss ma jistax ma jitqiesx li kien integru.*

*Imma l-integrità tal-ġudizzju ma tfissirx li l-proċeduri kellhom jibqgħu jipproċedu kontra dak id-debitur konvenut biss jekk dan jitlob li jkunu kjamati fil-proċeduri debituri oħrajn miegħu solidalment obbligati.*

*Is-solidarjetà ma tfissirx illi xi debituri jistgħu jiġu eskluzi mid-dritt ta' difiża. Tfisser biss illi kull wieħed mid-debituri jkun obbligat li jagħmel tajjeb għad-debitu sħiħ favur il-kreditur li jkun allura jista' ġudizzjarjament jaġixxi biex jesiġi l-pagament mingħand wieħed biss mid-debituri tiegħu ad eskluzjoni ta' l-oħrajn.*

Il-Qorti:-

Il-konvenuti qed jappellaw minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-5 ta' Diċembru, 1994 f'kawża li l-atturi għamlu kontra tagħhom permezz tal-proċedura speċjali sommarja fit-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hekk imsejħa Proċedura tal-Giljottina;

*Omissis*;

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza inkwantu sostnew li l-fatti tal-kawża kif huma ssottomettew lill-Ewwel Qorti kienu qabel xejn jintitolawhom: (1) li jitolbu l-kjamata fil-kawża ta' John Pace li magħhom kien involut fin-negozju ma' l-awturi u (2) illi l-fattispeċi tal-kawża kienu tali li jiġġustifikaw li jingħataw l-opportunità li jikkontestaw it-talbiet ta' l-atturi billi kellu jirriżulta lill-Ewwel Qorti li ma kellhomx eċċezzjonijiet validi x'jopponu għat-talbiet ta' l-atturi li kienu jinvolvu proprju lil dan is-soċju tagħhom;

*Omissis*;

Ghandu jinghad bhala fatt illi fil-mori ta' dan l-appell, l-appellanti hallsu l-ammont ta' (Lm8,630.85) tmient elef, sitt mija u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin ċenteżmu li jaċċettaw li kien is-sehem taghhom mill-ammont dovut lill-appellati. Bhala konsegwenza ta' dan il-pagament akkont, l-atturi irriduċew b'nota l-ammont li qed jiġi minnhom reklamat. U dan b'din is-somma;

L-appellanti qed jibbażaw l-appell taghhom fuq dawn l-aggravji:

"Illi l-ġudizzju fil-kawża ma kienx integru ghax l-appellat ma vvinkolax id-debituri kollha u t-tlett elementi msemmija hawn fuq kollha jikkonkorru u ċjoè: (i) ma ppartecipawx fil-kawża dawk kollha interessati; (ii) ma kinitx assikurata l-effikaċità tal-ġudizzju; u (iii) ma ġewx vinkolati d-debituri kollha u l-kawża jkollha tiġi ripetuta kontra s-soċju John Pace. Fl-ahhar mill-ahhar li l-ġudizzju jkun integru jinteressa prinċipalment lill-attur;

Ghal dawn ir-raġunijiet jiġi sottomess li l-ġudizzju fil-kawża ma kienx integru;

Illi l-atturi appellati kienu jafu li n-negozju sar miż-żewġ soċji Donald Attard u s-soċju John Pace u ghalhekk messhom indirizzaw il-kawża sewwa. Fil-fatt, is-soċju John Pace xtara l-hut tat-tieni vjaġġ huwa stess stante li l-esponenti Donald Attard kien imsiefer. Ukoll John Pace ġieli mar ihallas lill-appellati wahdu f'ismu u f'isem l-esponenti Donald Attard. Illi ghalhekk jiġi sottomess li l-appellati kienu jafu li n-negozju sar bi shab u ma messhomx ghamlu l-kawża lil Donard u Marthese Attard wahedhom;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-appellati allegaw li hemm

solidarjetà fil-kummerċ. Però s-solidarjetà fil-kummerċ tirreferi għall-esekuzzjoni tas-sentenza u ma tinkwadrax fil-kunċett ta' nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju. Is-solidarjetà fil-kummerċ ma tnaqqas xejn mill-fatt li l-kawża ġiet indirizzata ħażin u ċ-ċitazzjoni kellha tiġi magħmula kontra l-partijiet kollha interessati";

Mill-verbal tal-5 ta' Diċembru, 1994 jirriżulta illi l-konvenuti appellanti kienu fil-fatt talbu lill-Qorti tal-Kummerċ illi tikkjama fil-kawża lil John Pace wara li kienu ssottomettew illi fin-negozju magħhom huma kellhom bi sħab lil din il-persuna. L-atturi appellati opponew din it-talba "primarjament peress li n-negozju sar bejn l-atturi u l-konvenut kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti u fit-tieni lok peress li fi kwalunkwe każ, dan hu dejn u negozju kummerċjali u per konsegwenza hemm is-solidarjetà bejn id-debituri";

Ma jirriżultax mill-verbal li l-Ewwel Qorti ddeċidiet espressament fuq din it-talba, imma jidher li impliċitament ċaħditha. Dan għaliex, wara li ddikjarat li kienet tal-fehma li l-konvenuti ma kellhomx eċċezzjonijiet validi x'jagħtu, ipposponiet il-kawża għas-sentenza li fil-fatt ippronunzjat. Din il-Qorti għandha allura *tiddeċidi jekk kienx jew le indikat* u opportun li l-Ewwel Qorti tilqa' t-talba jekk kellhomx jew le il-konvenuti d-dritt li jikkjamaw lil John Pace fil-kawża biex jiddefendu ruħhom kontra t-talbiet attriċi u dana mhux biss fil-konfront ta' l-istess atturi imma ukoll fir-rigward tas-soċju tagħhom fin-negozju. Importanti li jiġi rrilevat illi l-appellanti jsostnu mhux biss li dan Pace kien fi sħab magħhom u li fir-relazzjonijiet interni tagħhom huwa kien allura daqshom responsabbli għall-bilanċ reklamat mill-appellati, imma ukoll illi l-istess appellati kienu anke daħlu fir-relazzjoni diretta ma' l-istess Pace tant li almenu f'okkażjoni waħda huma kienu biegħu l-ħut direttament lilu u f'diversi okkażjonijiet kien hu li kien mar iħallas lill-atturi għall-ħut li kien xtara f'ismu u f'isem

il-konvenut appellant. Hu ċar li anke jekk l-atturi appellati kkontestaw dawn il-fatti, il-kontestazzjoni kienet tali li pjenament tiġġustifika lill-appellant konvenut illi javvanza eċċezzjonijiet li kienu jinvolvu lis-soċju tiegħu fil-liġi, li jirresponsabbiliżżawh għad-domandi attriċi li għalihom hu ukoll - skond il-konvenuti - kellu jirrispondi. Konsegwentement hu ċar *li l-konvenuti appellanti kellhom jingħataw l-opportunità li jġibu l-provi* dwar din il-kontestazzjoni fil-konfront ta' l-istess soċju li kellu allura jiġi kjamat fil-kawża. Dan għaliex jekk tali provi jkunu minnhom inġiebu b'suċċess, dan ikun ifisser il-kundanna tal-kjamat fil-kawża li jagħmel tajjeb għall-ammont reklamat mill-atturi flimkien ma' sieħbu l-konvenut. Dan mhux biss *kien ikun ifisser li l-atturi setgħu jottjenu* l-kundanna anke fil-konfront tal-kjamat fil-kawża għall-ħlas ta' l-ammont lilhom dovut solidalment mal-konvenut imma ukoll li l-istess konvenut seta' jkollu r-relazzjoni tiegħu mal-kjamat fil-kawża ġudizzjarjament definita inkwantu dan ta' l-aħħar ikun ġie ritenut responsabbli għall-ħlas tad-debitu flimkien miegħu. Dan kien jagħti lill-istess konvenut dritt ta' rigress kontra l-istess kjamat fil-kawża għar-rimbors ta' sehmu mill-ammont dovut u konness man-negozju minnhom it-tnejn ġestit flimkien;

Mhux kontestat li l-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi illi fil-kummerċ, is-soċju huwa preżunt debitur *in solidum* salv ftehim kuntrarju. U ftehim kuntrarju fil-każ in eżami la hu pruvat u lanqas biss hu allegat. Hu minnu ukoll illi l-artikolu 1096 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li meta hemm is-solidarjetà l-kreditur għandu dritt, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, li jipproċedi kontra wieħed biss mid-debituri *in solidum* u dak id-debitur m'għandux dritt iressaq l-eċċezzjoni tal-benefiċċju ta' l-eskussjoni. Dan ifisser ukoll illi mhix korretta s-sottomissjoni ta' l-appellant *illi l-fatt li l-atturi* pproċedew kontra tiegħu biss ifisser illi l-ġudizzju ma kienx integru. Una volta l-liġi tagħti d-dritt lill-kreditur li jipproċedi kontra wieħed biss mid-debituri solidalment obbligati fil-konfront tiegħu, jekk hekk jagħżel li

jagħmel, b'esklużjoni tad-debituri l-oħrajn, dan ifisser li l-ġudizzju hekk promoss ma jistax ma jitqiesx li kien integru;

Imma l-integrità tal-ġudizzju ma tfissirx li l-proċeduri kellhom, jew setgħu, jibqgħu jipproċedu *kontra dak id-debitur* konvenut biss, jekk dan jitlob li jiġu kjamati fil-proċeduri debituri oħrajn miegħu solidalment obbligati. Hu ovvju li talba simili kellha tiġi milqugħa, jekk xejn, għaliex b'hekk ikun qed jiġi aċċertat illi dan id-debitur solidalment obbligat mal-konvenut, ikun ġie msejjaħ fil-kawża u jkun jista' jiddefendi ruħu kontra t-talbiet, li altrimenti jkunu qed jagħmlu stat anke fil-konfront tiegħu, meta huwa ma kienx ser jingħata l-opportunità jiddefendi ruħu u jressaq l-eċċezzjonijiet kontra t-talbiet ta' l-attur kreditur. Dan bil-konsegwenza illi t-talba kontra l-konvenut, *una volta* deċiża fl-assenza tiegħu, tkun tfisser li dak il-konvenut sokkombenti kien ikollu dritt għar-rigress kontra d-debitur l-ieħor miegħu solidalment obbligat u jkun jista' jesiġi l-pagament ta' sehmu mingħajr ma dan ikun ingħata l-opportunità li jopponi tali sejħa għall-pagament mill-kreditur. Is-solidarjetà ma tfissirx illi xi debituri jistgħu jiġu esklużi mid-dritt ta' difiża jew jiġu preġudikati bl-eżerċizzju tad-dritt tal-kreditur li jaġixxi kontra debitur ieħor minnu magħżul u mhux kontra tagħhom, solidalment magħhom obbligati. Tfisser biss li kull wieħed mid-debituri *jkun obbligat* li jagħmel tajjeb għad-debitu sħiħ favur il-kreditur li jkun allura jista' ġudizzjarjament jaġixxi biex jesiġi l-pagament mingħand wieħed biss mid-debituri tiegħu, ad esklużjoni ta' l-oħrajn;

L-istatut tal-kjamata fil-kawża huwa kontemplat fl-artikoli 961 u 962 tal-Kap. 12:

"961. Tista' ukoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa fil-kawża miexja bejn partijiet fil-Qorti ta' l-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda

mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba.

962. It-terza persuna msejħa fil-kawża għandha tiġi notifikata bil-libell jew biċ-ċitzzjoni jew bir-rikors skond il-liġi u għall-finijiet kollha titqies bħal kull konvenut ieħor u bħala tali għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni u li tinqeda' b'kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut u tista' skond iċ-ċirkostanzi tiġi meħlusa jew ikkundannata daqslikieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha";

Din il-Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Riolo** ***proprio et nomine vs*** **Carmel Muscat**, deċiża fil-15 ta' Marzu, 1991, iddeliberat hekk:

"L-istitut jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali, prinċipalment:

(a) dak li jintegra ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi uħud minnhom jitħallew barra ...

u

(b) dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra bħala konsegwenza tagħha ..."

Dik is-sentenza tagħmel riferenza għall-kawża **Padre Raimondo di San Giuseppe** ***nomine vs*** **Notaio Gio Silvio Bonavita** ***nomine*** deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Jannar, 1980, fejn *inter alia* ġie ritenut illi l-kjamata in kawża "***non è applicabile*** *se non nel caso in cui il terzo che si voglia chiamare*

*in causa* (f'dan il-każ John Pace) *abbia una comunione d'interesse nella causa proposta*". Interess li l-istess John Pace, almenu skon dit-teżi u s-sottomissjoni ta' l-appellanti lill-Ewwel Qorti ċertament li għandu u żgur li jistħoqq li jiġi sewwa investigat fil-kuntest ta' l-azzjoni attriċi u ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija. Interess li jista jiġi korrettement valutat *prima facie* meta ssir it-talba għall-kjamata fil-kawża kif saret fil-każ in eżami. Minn dan l-eżerċizzju kellu indubbjament jirriżulta lill-Ewwel Qorti li kien ċertament jikkonvjeni, mhux biss għall-ekonomija tal-ġudizzju, imma ukoll biex jiġu sewwa determinati d-drittijiet ta' kull min hu allegatament involut fin-negozju u ukoll fl-interess tal-konvenut u anke ta' l-istess attur li oppona t-talba li jkun aċċertat jekk għall-ammont pretiż kellux ukoll jirrispondi l-istess John Pace. Materja li kienet l-iktar tinteressa lill-konvenut li kellu u għandu kull dritt li jkollu sentenza tal-Qorti li tiddikjara li anke l-istess Pace kien miegħu responsabbli lejn l-atturi appellati kredituri l-jedd li jaġixxu kontra kull min kien solidalment obbligat lejhom;

"L-interess li jilleġittima l-kjamata in kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju intiż dan l-interess mhux neċessarjament fis-sens li l-kjamat in kawża jkun kundannat jew liberat, imma anke fis-sens li hu jkun jista' jsostni r-raġunijiet ta' l-attur jew tal-konvenut jew tiegħu stess differenti mit-tnejn jew għal wieħed jew għall-ieħor u jipprovoka deċiżjoni, fil-limiti ta' l-azzjoni li tistabbilixxi ċerti fatti u ċerti drittijiet favorevoli jew kuntrarji għalih bla ma jiġi liberat jew kundannat (Vol. XXXIX,pt. III, p. 889);

Ma hemmx dubbju illi John Pace l-persuna indikata mill-konvenut għandu *prima facie* interess fil-kawża f'dawn it-termini u dana jirriżulta kemm mill-verbali quddiem l-Ewwel Qorti kemm mid-dokumenti esebiti f'dawn l-atti quddiemha, kif ukoll mis-sottomissjonijiet li saru mill-kontendenti. Interess li jidher eradikat ukoll mill-fatt illi:

L-atturi setgħu jaġixxu direttament kontra John Pace bħala debitur solidali waħdu jew flimkien mal-konvenuti appellanti jekk tiġi aċċettata l-premessa tal-konvenuti appellanti illi dan kien magħhom involut fin-negozju;

L-istess Pace seta' avvanza kontra l-attur eċċezzjonijiet oħra apparti dawk li kienu jispettaw lill-konvenuti appellanti naxxenti minn aspetti fin-negozju li fihom hu biss kien allegatament involut u dan dejjem fir-rigward ta' l-istess talbiet attriċi;

L-istess appellanti għandhom id-dritt ta' rivalsa kontra l-istess John Pace biex dan iħallashom sehmu mill-ammont li kien ikun eventwalment kanonizzat favur l-appellati fuq it-talbiet preżenti;

Li f'azzjoni ta' din ix-xorta jistgħu jiġu avvanzati eċċezzjonijiet li prinċipalment kellhom ikunu diretti kontra l-appellat f'din l-azzjoni, eċċezzjonijiet li setgħu jiġu avvanzati u mogħtija kemm mill-konvenuti, kif ukoll mill-kjamat fil-kawża;

Li l-azzjoni li eventwalment setgħu jipproponu l-appellanti kontra l-istess John Pace solidalment obbligat lejn l-appellati flimkien magħhom setgħet presumibbilment ikollha eżitu divers minn din il-kawża u dan għandu jiġi f'kull każ evitat billi jiġi assigurat li kull min hu interessat fit-talbiet attriċi jkun imsejjaħ quddiem il-Qorti fl-istess kawża bħala attur, konvenut jew kjamat biex jirrispondi għalihom;

"Il-kjamata in kawża hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jiġi rikonoxxut dan l-interess il-Qorti għandha d-dover li tordnah";

"L-interess meħtieġ biex jiġġustifika dan il-provvediment

huwa dak stess li huwa rikjest bil-liġi biex tiġi proposta azzjoni jew biex tista' tiġi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawża mingħajr ma jiġi kkundannat jew liberat ikun jista' jiżviluppa r-raġunijiet tiegħu favur jew kontra l-attur" (Vol. XXIX, pt. II, p. 706);

Posta f'dawn it-termini bażiċi hu ovvju li kienet ġustifikata t-talba ta' l-appellati għall-kjamata fil-kawża ta' l-istess John Pace u li ċ-ċaħda ta' din it-talba kienet ta' preġudizzju gravi għad-drittijiet difensjonali tagħhom. Din il-Qorti tmur oltre. Konsidrati r-riżultanzi proċesswali u s-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-istess John Pace kien magħhom responsabbli għall-ħlas tad-debitu versu l-appellati u billi jirriżulta mill-atti li dan jista' jkun il-każ, kellu jirriżulta lill-Ewwel Qorti illi kien hemm raġunijiet suffiċjenti biex jiġġustifika li jagħmlu l-eċċezzjonijiet tagħhom fid-dawl tas-sottomissjonijiet minnhom magħmula u dan biex tiġi stabbilita r-responsabbilità eventwali ta' l-istess John Pace kemm fir-rigward ta' l-attur kif ukoll ta' l-istess konvenuti. Dana ukoll biex tingħata kull opportunità li tiġi opposta d-domanda attriċi bl-eċċezzjonijiet li l-kjamat fil-kawża seta' jkollu għal tali domanda. Eċċezzjonijiet li finalment jistgħu jiġġjovaw, mhux biss lill-istess Pace imma ukoll lill-konvenuti appellanti u li dawn ta' l-aħħar ma setgħux ikunu f'posizzjoni li javvanzaw fl-assenza ta' l-istess Pace. Jeddijiet dawn li m'għandhomx jiġu preġudikati mill-fatt biss li l-attur deherlu li kellu jaġixxi - kif fid-dritt tiegħu - bil-proċedura speċjali sommarja taħt l-artikolu 167 tal-Kap. 12 kontra wieħed biss mid-debituri tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata revokata. L-atti tal-kawża qed jiġu rinvjati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni b'dan li dik il-Qorti kellha fl-ewwel lok issa tordna l-kjamat fil-kawża ta' l-istess John Pace u tidderiġi illi l-proċeduri quddiemha kellhom

jipproċedu bil-proċedura ordinarja;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu a karigu ta' l-appellat.